

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq assenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, dwar in-nuqqas ta' osservanza tar-raba' kriterju tal-ġurisprudenza Altmark u fuq l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku.

---

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2017 – TrekStor vs EUIPO – Beats Electronics (i.Beat)**

**(Kawża T-748/17)**

(2018/C 022/66)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: TrekStor Ltd (Hong Kong, iċ-Ċina) (rappreżentanti: O. Spieker, M. Alber, A. Schönfleisch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Beats Electronics LLC (Culver City, California, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "i.Beat" – Trade mark tal-Unjoni Nru 5 009 139

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Settembru 2017 fil-Każijiet magħquda R 2175/2016-4 u R 2213/2016-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tiċħad l-appell tar-rikorrenti mid-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-konvenut bid-data tad-29 ta' Settembru 2016, u għalhekk tilqa' l-applikazzjoni għal revoka mressqa mill-applikant għal kanċellazzjoni u tirrevoka d-drittijiet tal-applikant fir-rigward tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 005009139;
- tiċħad l-applikazzjoni għal revoka mressqa mill-applikant għal kanċellazzjoni;
- tordna lill-applikant għal kanċellazzjoni u lill-EUIPO jbatu l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi l-ispejjeż neċessarji sostnuti mir-rikorrent quddiem il-Bord tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament 2017/1001;
- Ksur tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament 2017/1001.

---

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2017 – TrekStor v EUIPO – Beats Electronics (i.Beat jess)**

**(Kawża T-749/17)**

(2018/C 022/67)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: TrekStor Ltd (Hong Kong, Hong Kong) (rappreżentanti: O. Spieker, M. Alber, A. Schönfleisch, lawyers)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Beats Electronics LLC (Culver City, California, l-Istati Uniti)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark tal-Unjoni "i.Beat jess" Trade mark tal-Unjoni Nru 4 728 895

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti għal revoka

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 2234/2016-4

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tilqa' t-talba tal-applikant għal revoka u tirrevoka d-drittijiet tar-rikorrenti fir-rigward tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 4 728 895;
- tiċħad it-talba tal-applikant għal revoka;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż inklużi l-ispejjeż sostnuti neċessarjament mill-applikant quddiem l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## **Rikors ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2017 – Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-750/17)**

(2018/C 022/68)

*Lingwa tal-kawża:* l-Ingliż

### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Izba Gospodarcza Producentów i Operatorów Urządzeń Rozrywkowych (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: P. Hoffman, lawyer)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Awwissu 2017 li tirrifjuta l-aċċess għall-kummenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-opinjoni ddetaljata tar-Repubblika ta' Malta, maħruġa fil-kuntest tal-proċedura ta' notifika 2016/398/PL li tikkonċerna emenda tal-liġi Pollakka dwar il-logħob tal-ażżard;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha stess u dawk tar-rikorrenti.